MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 13/1978/1

Registratur tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna u llum maghruf bhala Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex

v.

Helen sive Lily Masini bhala konsorti fl-akkwisti konjugali gia` ezistenti mal-mejjet zewgha l-Avukat Dottor Francesco Masini u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1987, Dr Anton Refalo gie nominat kuratur sabiex jirrapprezenta lil Helen sive Lily Masini li mietet fil-mori tal-kawza u ghal kull interess li jista' ikollha fuq l-eredita` ta' l-istess zewgha kif ukoll bhala prokuratrici ta' l-assenti binha George Masini u b'digriet tat-28 ta' Mejju 1984, Dr Carmelo Galea u l-P.L. Antoinette Micallef gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti George Masini li miet fil-mori tal-kawza, Rose Mary mart Vincenzo Refalo, Joseph Masini u b'digriet tat-12 ta' Frar 2002, peress illi miet Giuseppi Masini, il-gudizzju gie trasfuz f'isem martu Pacifika armla Masini, Maria Elena Vella, Francesca

Mizzi, Frank Masini, Ian John Masini, Jason Masini u Raymond Masini; u Franco Masini B.A., L.P. bhala tfal u eredi ta' l-istess Avukat Dottor Francesco Masini, Maria Assunta Said bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti mal-mejjet zewgha Carmelo Said u ghal kull interess li jista' ikollha fuq l-eredita` ta' l-istess zewgha u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2002, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dun Guzepp Said, John Said u Anthony Said stante l-mewt ta' Maria Assunta Said fil-mori tal-kawza; Reverendu Sacerdot Dun Joseph Said f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-assenti hutu John u Anthony Said bhala eredi ta' missierhom l-imsemmi Carmelo Said; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2002, John Said gie nominat kuratur deputat ghan-nom ta' l-assenti Anthony Said

1. Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas in solidum tas-somma ta' elfejn disgha mija u tlieta u tletin euro (€2,933) bhala spejjez gudizzjarji fil-kawza **Avukat Francesco Masini et vs Concetta Grech** (Citaz. nru: 3/1957) deciza fit-2 ta' Frar 1971 skond taxxa ufficjali mahruga.

2. Wara s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Frar 2008 (fol. 276), il-kawza ghadha pendenti biss kontra Dun Guzepp Said, John Said u Anthony Said. Fil-konfront tal-konvenuti l-ohra giet konfermata s-sentenza ta' l-ewwel qorti tal-20 ta' Jannar 2004 (fol. 200) fejn giet milqugha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Pero' fil-konfront ta' Said is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

3. In-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Said prezentata fis-27 ta' Marzu 1978 (fol. 17) taqra hekk:-

a. In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qiorti peress li l-kawza kien messa saret f'din il-Qorti fil-kompetenza taghha kummercjali.

b. Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tal-attur.
c. Fil-meritu jeccepixxu illi skond is-sentenza tat-2 ta' Frar 1971, l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenuti u mhux mill-atturi.

4. L-ewwel eccezzjoni giet michuda permezz ta' sentenza parzjali li nghatat fl-1 ta' Gunju 1978 (fol. 20-22). It-tieni eccezzjoni giet michuda permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Frar 2008.

5. Dan hu kaz li fil-fehma tal-qorti seta' facilment gie rizolt bl-uzu tar-raguni min-naha ta' l-amministrazzjoni. Minflok spicca fi process li ha 'l fuq minn tletin (30) sena sabiex tinghata sentenza fuq il-meritu. M'hemmx dubju li l-mod kif imxiet din il-kawza hu ta' ghajb ghas-sistema gudizzjarja Maltija.

6. Fl-ewwel lok il-qorti tordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem *"Registratur tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna"* ghandhom jizdiedu l-kliem *"llum maghruf bhala Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex."*.

7. Wara li l-qorti rat l-atti kollha, ikun floku jekk fl-ewwel lok fil-qasir jissemmew il-fatti rilevanti ghal din il-kawza:-

a. Permezz ta' digriet moghti mill-qorti volontarja fil-31 ta' Ottubru 1944, Carmelo Said gie nominat amministratur tad-ditta Gatt & Grech. Gie ukoll nominat l-avukat Dr Franco Masini sabiex jassistih.
b. Fit-8 ta' Frar 1957 Carmelo Said u Dr Franco Masini pprezentaw rikors fejn talbu li jigu approvati l-kontijiet ghall-perjodu mit-13 ta' Awwissu 1955 sad-29 ta' Frar 1956 u tinghata kwittanza, jithallsu d-dritt ghas-servizz li taw u li tigi kancellata l-ipoteka li giet registrata f'isimhom. B'digriet moghti fil-11 ta' Marzu 1957 il-qorti, in vista' ta' l-opposizzjoni registrata minn Rita Camilleri, Carmela Grech, Joseph Grech u Angelo sive George Grech,

iddikjarat: ***"Tirrimetti lill-partijiet quddiem il-Qorti kontenzjuza kompetenti."***.

c. Fl-1957 l-avukat Masini u Carmelo Said ipprezenta kawza fl-ismijiet: **Avukat Francesco Masini et vs Concetta Grech et** (Cit. nru: 3/1957) fejn talbu:-

i. L-approvazzjoni tal-kontijiet rapprezentanti l-gestjoni tad-ditta mill-10 ta' Novembru 1944 sad-29 ta' Frar 1956 u kancellament ta' l-ipoteka.

ii. Kundanna hlas lill-attur Avukat Masini tas-somma ta' Lm1,392.19,7 ghal prestazzjonijiet professjonali.

iii. Kundanna hlas lill-atturi ta' somma flus li tigi likwidata mill-qorti, bhala kumpens u hlas tad-drittjiet taghhom fl-amministrazzjoni u responsabbilta' tad-ditta ghall-imsemmi perjodu.

d. Fit-2 ta' Frar 1971 inghatat sentenza bazata fuq transazzjoni. Il-parti dispozittiva taqra: ***"Ghaldaqstant, din il-Qorti tghaddi biex tiddecidi din il-kawza ai termini tat-transazzjoni raggiunta bejn il-kontendenti skond in-nota prezentata fis-17 ta' Frar 1970 u li tinsab a fol. 279 tal-process, u cioe' illi l-attur Carmelo Said ghandu ihallas lill-konvenuti erbat elef lira (£4,000) a saldu ta' kwalunkwe kontijiet tal-gestioni fid-ditta "Gatt & Grech" mizmuma mill-atturi, u pretensioni reciproci sad-data tal-istess transazioni involuti f'din il-kawza; il-hlas isir zmien xahrejn millum, fil-waqt li jigu terminati l-effetti tas-sekwestru mahrug mill-atturi kontra l-konvenuti fl-istess hin tal-hlas hawn fuq ordnat; l-ispejjez tal-kawza jibqghu minghajr taxxa."***.

e. Ir-Registratur kien intaxxa l-ispejjez gudizzjarji. Is-somma dovuta lir-Registru kienet ta' elf mitejn u disgha u hamsin lira Maltija (£1,259.2.10) [fol. 126]. Hu evidenti li t-taxxa giet kalkolata *ad valorem* (ara ittra datata 17 ta' Settembru 1990 a fol. 110-112).

f. Jirrizulta li Carmeo Said talab li t-taxxa tigi ridotta *"...ghaliex ma ghandux imnejn ihallas lil konvenuti issomma ta' £4000.0.0 min ghair htija."* (fol. 7). Jirrizulta li dan id-dokument, li sar forma ta' rikors, intbaghat lil Ministeru tal-Gustizzja. Fis-26 ta' Mejju 1973 il-Professur Joseph M. Ganado kiteb ittra ghan-nom ta' Carmelo Said lill-Ministru tal-Gustizzja, fejn ikkonferma li ghalkemm ma kienx involut fl-imsemmi procediment *"....but the*

*assessment of the Registry Fee undoubtedly appears to be completely out of proportion to the merits of the case.* ***The time limit for making an action for the "ritassa" expired a long time ago and the matter can only be dealt with administratively.*** *My client informed me that he has previously addressed a letter to your Ministry asking that the matter be considered and a substantial reduction granted on the said amount."* (enfazi tal-qorti - fol. 9). Sussegwentement, Carmelo Said kien baghat ittri datati 3 ta' Jannar 1974 (fol. 10), 20 ta' Marzu 1975 (fol. 11) u 21 ta' Marzu 1976 (fol. 12) fejn gharraf lir-Registratur tal-qorti li kien ghadu qieghed jistenna twegiba minghand il-Ministru tal-Gustizzja. Twegiba li jidher li qatt ma kienet inghatat.

g. Permezz ta' ittra datata 19 ta' Novembru 1972, Carmelo Said (missier il-konvenuti ahwa Said) kien baghat ittra lill-Ministru tal-Gustizzja fejn gharrfu li

h. Permezz ta' ittra ufficjali prezenata fis-6 ta' Settembru 1977[1], l-attur interpella lil Maria Assunta Said (mart Carmelo Said) u lis-sacerdot Dun Joseph, John u Anthony ahwa Said (ulied il-konjugi Said) sabiex ihallsu s-somma ta' Lm1,259.14,2 bhala drittijiet tar-Registru.

8. M'hemmx dubju li wara dawn is-snin kollha m'huwiex possibbli ghall-konvenuti li jattakkaw il-mod kif ir-registratur intaxxa l-kawza[2], cjoe' jekk il-likwidazzjoni kellix issir *ad valorem* jew bhala dikjarazzjoni. Paragrafu 7 tat-tariffa "A" li kienet tapplika dak iz-zmien kien jipprovdi[3]:-

***"Ghal kull sentenza definitiva, <u>meta t-talba tkun ghal somma jew proprjeta</u>:***

***fuq l-ewwel £200 ta' l-ammont jew valur li jintalab: ghal kull £100..............................................£2.10.0***

---

[1] L-ittra prezentata fit-18 ta' Ottubru 1977 saret kontra l-familja Masini.
[2] Fatt rikonoxxut mill-Professur Joseph Ganado stess li kiteb l-ittra fis-26 ta' Mejju 1973 ghan-nom ta' Carmelo Said.
[3] Avviz tal-Gvern numru 653 ta' l-1942.

***fuq kull ammont jew valur izjed mill-ewwel £200 u sa £200 ohra: ghal kull £100.......................................£2.0.0***
***fuq kull ammont jew valur izjed minn £400 ghal kull £100...............................................£1.0.0."***.

Hu fatt pero wkoll li dwar it-tlett talbiet li saru fic-citazzjoni qatt ma nghatat decizjoni in kwantu l-kontendenti waslu fi ftehim li l-iskop tieghu kien biex jaghti tmiem ghal kawza mibdija, u r-registratur illikwida fuq it-talbiet li saru fic-citazzjoni u mhux fuq il-fatt li l-Carmelo Said gie kundannat ihallas £4,000. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenuti Said m'humiex jikkontestaw l-ispejjez gudizzjarji kif gew intaxxati u likwidati mir-registratur, minkejja li fiz-zmien opportun seta' kien hemm bazi ghal tali kontestazzjoni in kwantu l-ewwel talba fic-citazzjoni ma kenitx *"talba.. ghal somma jew proprjeta."*.

L-eccezzjoni li fadal fil-meritu wara li l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew decizi, hi li *"....l-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mil-konvenuti u mhux mil-atturi."* (fol. 17). Eccezzjoni li m'ghandha l-ebda bazi in kwantu fis-sentenza tat-2 ta' Frar 1971 il-qorti qalet li ***"l-ispejjez tal-kawza jibqghu minghajr taxxa."***. Il-qorti tifhem li l-qorti li ppronunzjat is-sentenza kienet qeghda tirreferi ghall-ispejjez bejn il-partijiet, fis-sens li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha. Il-pronunzjament tal-qorti certament li ma jfissirx li l-ispejjez gudizzjarji kellhom jithallsu mill-konvenuti (familja Grech) jew li addirittura ma jithallas l-ebda dritt tar-Registru. Dan apparti l-fatt li mill-korrispondenza li ntbaghatet minn Carmelo Said, jidher evidenti li ma kienx qieghed jikkontesta li kien dovut xi hlas. Fatt li gie konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tad-29 ta' Frar 2008 meta ddikjarat li mill-korrispondenza kien jirrizulta li Carmelo Said ma kienx qieghed jichad li hu debitur.

F'kull kaz pero' jidher li l-attrici m'hijiex tqies li dan kien kaz fejn sehhet transazzjoni. Fis-sentenza l-qorti ddikjarat li qeghda tiddecidi l-kawza ***"...ai termini tat-transazzjoni raggiunta bejn il-kontendenti skond in-nota prezentata fis-17 ta' Frar 1970 u li tinsab a fol. 279 tal-***

***process.”***. Rajna li fil-mori tal-kawza il-partijiet kienu lehqu ftehim u li permezz tieghu ntemmet il-kwistjoni bejn il-partijiet. Ghalkemm jidher li ma kienx hemm bzonn li jkun hemm xi awtorizazzjoni tal-qorti sabiex it-transazzjoni tkun tiswa, xorta inghatat sentenza u l-ftehim ta' transazzjoni gie kompriz fis-sentenza. B'daqshekk ma jfissirx li ma kenitx sehhet transazzjoni, li *“...produce tra le parti lo stesso effetto di una sentenza passata in giudicato. Parallelamente all'exceptio rei iudicatae, puo' opporsi, a chi non volesse riconoscere l'efficacia, l'exceptio litis per transactionem finitae, quando ne concorrano i comuni presupposti: eadem causa, eadem quaestio, inter easdem personas.”* (*Istituzioni di Diritto Civile, Alberto Trabucchi* (Cedam, 1981) pagna 857)[4]. Skond Tariffa A tal-Kap. 12 li jipprovdi dwar drittijiet li jithallsu fir-Registri tal-Qrati Superjuri, f'kaz ta' transazzjoni jew cessjoni wara li l-kawza titqieghed fil-lista, ghandu jithallas nofs id-drittijiet tar-registru migjubin f'paragrafi 7-17 (ara paragrafu 20 tat-tariffa li kienet applikabbli fiz-zmien li nghatat is-sentenza[5]). It-tariffa taghmel distinzjoni bejn transazzjoni u cessjoni, in kwantu tipprovdi li jithallas nofs id-dritt *“fil-kaz ta' transazzjoni **jew** ta' cessjoni wara li l-kawza titqieghed fuq il-lista....”* (enfazi tal-qorti). Il-paragrafu ma jghidx li ghal fini ta' applikabilita' tieghu jrid ikollok ir-rinunzja ghall-atti tal-kawza jew li l-paragrafu 20 ma japplikax f'kaz li tinghata sentenza skond it-transazzjoni li jkunu kkonludew il-kontendenti. Dan iktar u iktar meta fis-sentenza **Avukat Francesco Masini et vs Concetta Grech et** (Cit. nru: 3/1957) l-qorti ma ghamlitx konsiderazzjonijiet fuq il-meritu tal-kawza proprju ghaliex kienet sehhet it-transazzjoni, u fejn il-qorti ikkundannat lill-attur ihallas £4,000 proprju minhabba t-transazzjoni minkejja li l-konvenuti ma kienu ghamlu l-ebda talba rikonvenzjonali. Transazzjoni li wara kollox ghandha l-istess effett bhal gudikat ghaliex ittemm il-kontroversja; *“It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, **jaghtu tmiem ghal kawza mibdija**, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir.”* (Artikolu 1718 tal-Kodici Civili). Transazzjoni li tista' ssir ukoll

---

[4] Artikolu 1729 tal-Kodici Civili: *“It-transazzjoni ghandha, bejn il-partijiet, is-setgha ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat.”*.

[5] Notifikazzjoni tal-Gvern 653 ta' l-1942.

tramite mandatarju fejn hemm mandat specjali[6], u m'hemmx kontestazzjoni li kienet sehhet in kwantu l-qorti tat sentenza proprju fit-termini ta' dik it-transazzjoni. Ghalhekk l-attrici m'ghandix jedd li titlob il-hlas tad-dritt kollu li gie ntaxxat izda nofs l-ammont. Mid-dokument imhejji mir-Registratur a fol. 126 u mit-tariffa applikabbli dak iz-zmien, hu evidenti li dan it-tnaqqis ma sarx u li l-attrici qeghda titlob id-dritt tar-Registru kollu[7]. Il-qorti hi tal-fehma li m'ghandix taghlaq ghajnejha ghal dan il-fatt. Temmen li jekk taghmel mod iehor tkun qeghda taghti lok ghall-ingustizzja u tonqos milli taghti sentenza skond il-ligi. Il-hlas pretiz mill-attrici m'huwiex bazat fuq xi ftehim li sehh bejn il-partijiet, imma jorigina mil-ligi. Il-qorti tqies li sabiex l-attrici tirnexxi fit-talba ghall-hlas tas-somma pretiza kellha taghti prova li l-ammont **kollu** li qeghda titlob hu skond il-ligi. Haga li fil-fehma tal-qorti ma rnexxilhiex ghar-raguni fuq moghtija.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti Said, b'dan li ghar-raguni hawn fuq moghtija tikkundannahom ihallsu lill-attrici s-somma ta' elf erbgha mija u sitta u sittin euro u hamsin centezmu (€1,466.50). Bl-imghax mil-lum in kwantu t-talba ta' l-attrici giet milqugha biss ghal nofs l-ammont mitlub u qabel giet deterimanta din is-somma l-konvenuti Said m'ghandhomx jitqiesu bhala moruzi. Dan apparti l-fatt li mill-atti processwali ma jirrizultax li l-konvenuti Said ghandhom htija ghalfejn din il-kawza damet dawn is-snin kollha sakemm inghatat sentenza fil-meritu, argument li ma jistax jinghad li japplika ghall-kontroparti[8]. Dan apparti l-fatt li min ippromuova l-kawza kellu kull opportunita li matul is-

[6] Ara sentenza **Edwin Bartolo et vs Giovanni Bondin** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 1955 (Vol. XXXIX.ii.513).

[7] Skond il-kalkoli tar-Registratur (fol. 126):-

a. L-ewwel domanda Approv. Kontijiet £111,853................dritt registru £1123.10.4.
b. Tieni domanda Hlas Dr Masini £1,395..............................dritt registru £18.19.
c. Tielet domanda Kumpens Amminist. £11,000...................dritt registru £116.

[8] Hekk per ezempju fis-seduta tat-22 ta' Jannar 1980 (fol. 26) u tal-5 ta' Novembru 1993 (fol. 143) il-qorti ddiferiet il-kawza *sine die* u fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2001 il-qorti ordnat il-kancellament tal-kawza (fol. 175).

snin jirrevedi l-hlas li kien qieghed jippretendi, mehud in konsiderazzjoni dak li gie deciz fil-meritu permezz ta’ din is-sentenza.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenuti Said, salv ghal dawk l-ispejjez relatati mas-sentenzi parzjali li nghataw fil-kors ta’ dan il-procediment u li diga’ nghatat decizjoni dwarhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------